MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2013

Talba Numru. 501/2011

**GO p.l.c. [C-22334]**

**Vs**

**Gloria ZARB COUSIN [ID. 92073M] u b'digriet datat 22 ta' Novembru, 2011 gie kjamat in kawza Mark MALLIA**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fil-15 ta' Gunju, 2011** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand l-intimata, tas-somma ta' tmien mija u tmenin euro u wiehed u tletin centezmi ta' euro [€880.31c] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-konvenuta ghandha taghti lis-socjeta attrici s-somma ta' tmien mija u tmenin euro u wiehed u tletin centezmu [€880.31] in konnessjoni ma servizzi moghtija (AC40083234).

Illi nterpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Bl-imghax u bl-ispejjez”.

Ra **r-risposta tal-intimata** minnha mressqa fit-30 ta’ Settembru, 2011 u li permezz taghha hija rrispondiet hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

“It-talba attrici, li qeghda tigi kkontestata, hija nfondata fil-fatt, fid-dritt u fl-ekwita fil-konfront tal-konvenuta stante li l-imsemmija konvenuta m’hijiex il-legittimu kontradittur, u ghal din ir-raguni il-konvenuta tecepixxi:

1. Illi l-kuntratt tas-servizz gie ffirmat minn certu Mark Mallia (ex-sieheb tal-konvenuta), f’isem il-konvenuta, u fis-sezzjoni fejn suppost iffirmat hi (vide dok. B u D – pprezentati mill-istess socjeta attrici); meta hu se mai kellu jiffirma fis-sezzjoni “Acting on behalf of the subscriber” flimkien ma’ prokura **bil-miktub** moghtija mill-konvenuta (liema prokura qatt ma inghatatlu);

2. Illi, taht ic-cirkostanzi kif sueccepiti, s-socjeta attrici qatt ma messha accettat abbonament ta’ servizz b’dan il-mod;

3. Illi f’Marzu ta’ 2001, il-konvenuta telqet mir-residenza fejn kien provvist is-servizz u marret personalment tikkancella dan is-servizz (**il-‘package’ kollu**) f’wiehed mill-istabbilimenti tal-GO. Hija hallset, bi flus kontanti, il-penali ghall-terminazzjoni bikrija tal-kuntratt, kif ukoll il-bilanc kollu li kien dovut sa dak in-nhar;

4. Illi ad insaputa u minghajr il-kunsens tal-konvenuta, Mark Mallia (allegatament permezz ta’ assistenza minn habib li kien jahdem mas-socjeta attrici) irnexxielu jerga

jattiva s-servizz **tat-telefon** u jaghmel uzu mill-imsemmi servizz (nonostante li mhux f'ismu personali) sakemm il-bilanc tela' sa tmien mija u tmenin ewro u wiehed u tletin centezmu (€881.31). Dan kollu ser jigi pprovat f'dina l-kawza;

5. Illi l-konvenuta saret taf b'dan kollu **biss** meta rceviet l-Avviz ta' dina l-kawza.

6. Illi fis-7 ta' Lulju 2011, Mark Mallia ammetta illi dan il-bilanc kien attribut ghalih **unikament** u ffirma 'Payment Programme Agreement' fejn gie rikonoxxut mis-socjeta attrici bhala ko-debitur u sabiex ihallas l-imsemmi bilanc permezz ta' pagamenti mensili ta' €150 il-wiehed;

7. Illi wara biss il-hlas ta' pagament wiehed huwa ma baqax ihallas u sar moruz in kwantu il-pagamenti li ammetta hu stess li kellu jhallas;

8. Illi qieghed isir wkoll rikors f'dawn l-atti sabiex jigi kkjamat fil-kawza Mark Mallia u sabiex l-konvenuta tigi dikkjarata libera mill-osservanza tal-gudizzju;

9. Illi l-konvenuta qeghda zzomm lil Mark Mallia unikament responsabbli ghal-ammont mitlub mis-socjeta attrici li jikkonsisti fil-bilanc odjern, illi issa jammonta ghal seba mija u tletin ewro u wiehed u tletin centezmu (€730.31);

10. Illi fil-fehma umli tal-konvenuta, l-ispejjez ta' dan l-avviz ghandhom jigu akkollati interament lis-socjeta attrici jew lill-Mark Mallia;

11. Illi l-konvenuta taf b'dawn il-fatti sueccepiti personalment.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-imghax u bl-ispejjez".

Illi permezz ta' rikors datat 30 ta' Settembru, 2011 l-intimata talbet:

i. Jordna li jigi kkjamat fil-kawza Mark mallia;
ii. Jiddikjara l-konvenuta libera mill-osservanza tal-gudizzju stante li m'hijiex il-legittimu kuntradittur u li l-ammont mitlub huwa infondat fil-fatt, fid-dritt u fl-ekwita fir-rigward taghha;
iii. Jiddikjara lill-Mark Mallia unikament responsabbli ghall-ammont mitlub mis-socjeta li jikkonsisti fil-bilanc odjern, illi issa jammonta ghal seba' mija u tletin ewro u wiehed u tletin centezmu (€730.31);
iv. Jordna illi l-ispejjez ta' dan l-avviz jigu akkollati interament lil Mark Mallia jew lis-socjeta attrici.

Ra r-risposta tas-socjeta rikorrenti ghar-rikors imsemmi pprezentata fit-3 ta' Novembru, 2011 u li permezz taghha, ghar-rigward tat-talba tal-kjamata in kawza ma sabitx oggezzjoni ghall-kjamata fil-kawza ta' Mark Mallia.

Ra d-digriet tieghu datat 22 ta' Novembru, 2011 u li permezz tieghu t-Tribunal laqa' t-talba kif kontenuta fir-rikors promotur biss u limitatament in kwantu li jordna li jigi kjamat fil-kawza Mark Mallia u jirriserva li jiddeciedi dwar

it-talbiet l-ohra permezz tas-sentenza finali wara li jkunu nse#temghu l-provi kollha.

Ra li fis-seduta tas-16 ta' Marzu, 2012 deher il-kjamat fil-kawza Mark Mallia li ta ruhhu b'notifikat bit-talba u inghata kopja tat-talba u r-risposta tal-intimata. It-Tribunal informa lill-kjamat fil-kawza sabiex ikellem avukat mill-aktar fis possibbli.

Ra l-verbal tat-13 ta' April, 2012 fejn il-kjamat in kawza Mark Mallia spjega li:

i. Huwa qieghed jikkontesta l-kawza u dan peress illi dan l-ammont mhux dovut lis-socjeta attrici [recte: rikorrenti];
ii. Lest li jhallas dak dovut minnu kif diga fil-fatt ghamel, meta ffirmat *payment preference agent* [recte: *payment programme agreement*] fis-7 ta' Lulju, 2011 (fol. 8);

Ra n-nota tas-socjeta rikorrenti datata 7 ta' Mejju, 2012 u li permezz taghha infurmat lit-Tribunal li thallas pagament akkont ta' mija u hamsin euro (€150) u konsegwentement it-Talba odjerna kienet qeghda tigi ridotta ghas-somma ta' seba' mija u tletin euro u wiehed u tletin centezmi ta' euro (€730.31);

Ra l-verbal tat-30 ta' Novembru, 2012 u li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Semgha lil Simone Ellul, rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti tghid li l-"*...l-ammont li ghadu dovut mill-konvenuta sal-lum huwa ta' sebgha mija u tletin ewro u wiehed u tletin centezmu*".

Ra l-atti;

Ra li l-unici provi li tressqu f'din il-kawza huma dawk tas-socjeta rikorrenti. Simone Ellul, rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti stqarret li meta kienet giet pprezentata l-kawza odjerna, l-ammont dovut mill-intimata kien ta' €880.31c. Sussegwentement sar pagament akkont ta'

€150 biex b’hekk l-intimata fadlilha thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta’ €730.31c.

L-intimata esebiet mar-risposta taghha kopja ta’ *payment programme agreement* iffirmat mill-kjamat in kawza Mark Mallia fis-7 ta’ Lulju, 2011 (fol. 8). Skond dan il-ftehim, l-imsemmi kjamat in kawza gie ndikat bhala *co-debtor* u kellu jhallas l-ammont ta’ €150 kull xahar ghal sitt xhur.

In vista tan-nuqqas ta’ provi li juru b’xi mod li l-intimata ma kellha x’taqsam xejn mal-bilanc li ghad fadal jithallas lis-socjeta rikorrenti, t-Tribunal ma jistax jghaddi biex jilqa l-eccezzjonijiet imqanqla minnha. Ma hemm l-ebda prova li jistghu b’xi mod jsostnu dawn l-eccezzjonijiet. Ghaldaqstant it-tribunal sejjer jichad l-eccezzjonijiet kollha mqanqla mill-intimata.

Ghar-rigward tal-kjamat in kawza, meta huwa deher quddiem it-Tribunal, huwa sostna li l-ammont mhux dovut lis-socjeta rikorrenti pero kien lest li jhallas dak dovut minnu skond il-*payment programme agreement* li ffirma fis-7 ta’ Lulju, 2011. It-Tribunal ma jistax jifhem kif il-kjamat in kawza f’nifs jghid li l-ammont mhux dovut imbaghad f’nifs iehor ighid li huwa lest li jhallas dak dovut minnu skond il-*payment programme agreement.* Jirrizulta ndubitat mill-provi li resqet is-socjeta rikorrenti li l-ammont reklamat, kif sussegwentement ridott, ghadu dovut.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi din it-talba billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha ta’ l-intimata u tal-kjamat in kawza kif fuq inghad, qieghed jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti limitatament ghall-ammont ta’ seba’ mija u tletin euro u wiehed u tletin centezmi ta’ euro [€730.31] u konsegwentement jikkundanna lill-intimata u lill-kjamat in kawza sabiex in solidum ihallsu lis-socjeta rikorrenti s-somma ta’ seba’ mija u tletin euro u wiehed u tletin centezmi ta’ euro [€730.31] bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjez jithallsu ukoll in solidum bejn l-intimata u l-kjamat fil-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------